MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Talba Numru. 1082/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata
fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Portelli (ID: 58065 M)
sija bil-polza u sija bil-ligi, kif ukoll l-istess Carmel Portelli**

**Vs**

**Nathalie Camilleri (ID: 59881 M)**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mitejn u erbghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm240.78c) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tal-25 t'Awissu, 2004 fi Triq Sant' Antnin, Marsascala, bejn il-vettura bin-numru NIC

150 misjuqa mill-konvenuta, u l-vettura bin-numru KDJ 731 misjuqa minn Anna Portelli u proprjeta’ ta’ l-assigurat tas-socjeta’ attrici, liema vettura kienet assigurata taht polza *comprehensive* mas-socjeta’ attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta’ l-assigurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Ra illi l-konvenuta Nathalie Camilleri, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-11 t’April, 2006, meta gewipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u erbghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm240.78c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------